# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 398/2015**

Il-Pulizija

(Spettur Trevor Micallef)

(Spettur Luke Bonello)

vs

**Charmaine Vella**

Bint Charles, imwielda Australia, fit-18 ta' Novembru, 1971, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 525290(M)

Illum, 9 ta' Jannar, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellata Charmaine Vella quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar id-disgha (9) ta' Gunju tas-sena elfejn u hmistax (2015) u fix-xhur ta' qabel fil-Gzejjer ta' Malta:

(i) Ikkomettiet serq ta' pocket tal-gilda iswed li kien fih cheque book tal-Bank of Valletta bin-numru 40018562613 f'isem Diane Calleja-Nero Fashion Outlets, €930 fi flus kontanti, karti tal-bank, ricevuti tal-imsemmi hanut kif ukoll photocopy tal-ID Card ta' Diane Calleja minn gewwa Nero, Vjal il-Wiehed u Ghoxrin ta' Settembru, Naxxar, liema serq huwa aggravat bil-valur;

(ii) Talli b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh bi hsara ta' Klikk Computer Store fi Triq Dun Karm, Birkirkara u ta' Diane Calleja-Nero Fashion Outlets meta kkommettiet frodi ta' cheque tal-Bank of Valletta bin-numru 0017832238940018562613 li jammonta ghal €729;

(iii) Talli kkommettiet serq ta' Iphone 6 Gold li jammonta ghal €783.90 minn gewwa Scan Computers fi Triq Dun Karm, Birkirkara liema serq huwa aggravat bil-valur;

(iv) Talli kkommettiet serq ta' laptop tal-ghamla Dell ghad-detriment ta' Helga Tonna (detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 103970M) liema serq huwa kkwalifikat bil-valur ta' aktar minn €232.94 izda anqas minn €2,329.37;

(v) Talli b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh bi hsara ta' Total Mobile fi Triq in-Naxxar, San Gwann u ta' Diane Calleja-Nero Fashion Outlets meta kkommettiet frodi ta' cheque tal-Bank of Valletta bin-numru 0017882238940018562613 li jammonta ghal €699;

(vi) Talli b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh bi hsara ta' Scan Centre

(PC Options Ltd) fi Triq Dun Karm, Birkirkara By-Pass u ta' Diane Calleja-Nero Fashion Outlets, meta kkommettiet frodi ta' cheque book tal-Bank of Valletta bin-numru 0017882238940018562613 li jammonta ghal €839;

(vii) Talli b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh bi hsara ta' Ultimate fi Triq Bisazza, Sliema u ta' Diane Calleja-Nero Fashion Outlets, meta kkommettiet frodi ta' cheque book bin-numru 0017882238940018562613 li jammonta ghal €849;

(viii) Talli rrendiet ruhhha recediva b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 ta' Lulju 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 26(c), 267, 279 (a), 284, 18, 167, 183, 184, 308, 309, 310 (1) (a), 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-ammissjoni tal-imputata, ikkundannat lill-istess imputata prigunerija effettiva ghal zmien sena mil-lum bl-intendiment car li saret rakomandazzjoni qawwija lid-Direttur tal-Habs sabiex minnufih l-imputata titpogga taht kura immedjata fil-habs u meta jkun il-waqt tigi ammessa ghal programm.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali pprezentat fit-12 ta' Awwissu, 2015 fejn talab li din il-Qorti <u>tirriforma</u> s-sentenza appellata billi filwaqt li <u>tikkonfermaha</u> fil-parti fejn sabet lill-appellata ħatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghha, tgħaddi sabiex <u>tirrevoka</u> l-parti tas-sentenza konċernanti l-piena li ngħatat fil-konfront tal-appellata u tghaddi sabiex tinfliġġi piena li hija fil-parametri tal-liġi u kif ukoll adegwata għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi nhar il-wiehed u tletin (31) ta' Lulju tas-sena elfejn u hmistax (2015), l-esponent Avukat Generali rcieva minghand il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali l-atti tal-procedura fl-ismijiet premessi u hassu manifestament aggravat bihom in kwantu l-ewwel

Onorabbli Qorti ghamlet enuncazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-Ligi li wasslet ghall-erogazzjoni ta' piena illi hija ferm taht il-minimu preskritt mil-Ligi.

Illi huwa principju ben assodat fil-gurisprudenza nostrana[1] illi kemm jista' jkun m'ghandhiex issir talba quddiem Qorti superjuri sabiex tigi ddisturbata d-diskrezzjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti f'kaz ta' fejn l-imputat jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Dan izda ma jfissirx illi Qorti tal-Appell qatt ma tista' taghmel ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha ta' kaz partikolari sabiex tevalwa d-decizjoni tal-ewwel Qorti ghal dak illi jirrigwarda l-piena erogata u kemm il-darba dina tasal ghall-decizjoni li l-piena nflitta ma kinitx tax-xorta u l-kwantita' li trid il-Ligi, ghandha kull dritt u fuq kollox s-setgha illi tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti. Hekk sostniet il-Qorti f'dan ir-rigward fil-kaz **il-Pulizija vs. Joseph Attard** moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar tas-sena elfejn u wiehed (2001):

> Illi kif gja rriteniet din il-Qorti kemm il-darba fil-passat, huwa rarament li hi tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan tghamlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew **tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi.** (sottolinear u enfasi tal-esponent)

Illi fil-kaz in dizamina l-appellata tressqet quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti mixlija b' seba' (7) imputazzjonijiet u giet addebitatha lilha wkoll ir-recediva ai termini tal-artikoli 49[2], 50[3] u 289[4] tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-ewwel Onorabbli Qorti fuq ammissjoni volontarja u

[1] Il-Pulizija vs. Spiru Muscat (Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-15 ta' Frar 2012; Il-Pulizija vs. Joseph Attard (Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-26 ta' Jannar 2001)

[2] (1) Persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor.

[3] Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.

[4] (1) Fil-każijiet ta' reċidiva fid-delitti msemmijin f'dan is- sub-titolu, il-piena tista' tiżdied, fil-każ tat-tieni kundanna, bi grad jew tnejn, u fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn warajha, minn grad sa tliet gradi.

kkondizzjonata tal-appellata sabitha hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u kkundannata ghall-sena (1) prigunerija effettiva izda dan it-terminu ma jaqax fil-parametri li trid il-Ligi u dan ghaliex b'applikazzjoni tal-artikolu 17(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-piena applikabbli skont il-Ligi kellha tammonta ghall-aktar minn sena (1) liema piena setghet ukoll tigi mizjuda b'applikazzjoni tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Kwindi l-ewwel Onorabbli Qorti mhux talli nfliggiet piena illi mhiex fil-parametri illi tipprefiggi l-Ligi talli sahansitra nizlet **manifestament taht il-minimu hekk preskritt.**

Illi dan qieghed jinghad ukoll fid-dawl tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 21[5] tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema dispozizzjoni hija cara in kwantu tezigi illi kemm il-darba l-Qorti jidhrilha illi jezistu ragunijiet specjali u straordinarji li ghandhom jimmiltaw favur mitigazzjoni ta' piena taht il-minimu preskritt mil-Ligi, dawn ir-ragunijiet ghandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza u l-artikolu 21 ghandu jigi ccitat mill-Qorti fis-sentenza moghtija. **Fil-kaz in dizamina ma jidhirx illi l-ewwel Qorti kellha f'mohhha ragunijiet specjali u straordinarji biex jiggustifikaw l-erogazzjoni ta' piena izghar ai termini tal-artikolu 21 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.** Ghaldaqstant, indubbjament il-piena nflitta ghandha tigi varjata sabiex tirrifletti piena li hija tal-kwantita' li trid il-Ligi u li hija aktar adegwata ghac-cirkostanzi tal-kaz de quo.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

---

[5] Bla ħsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 492, il-qorti tista', għal raġunijiet speċjali u straordinarji li għandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza, tagħti dik il-piena iżgħar li, fid-diskrezzjoni tagħha, tkun tixraq, għad illi jkun hemm stabbilit l-anqas piena fl-artikolu li jsemmi dak ir-reat jew taħt id-disposizzjonijiet tal-artikolu 20 , mingħajr ħsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 7.

Illi din il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti kollha ta' dan l-appell u fil-fehma taghha l-avukat Generali ghandu ragun li l-piena erogata mill-ewwel Qorti hi taht il-minima stabbilit mill-ligi.

Illi ghalhekk l-appell tal-Avukat Generali ghandu jirmexxi minghajr ebda tlaqliq.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed tirriforma s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonferma tali sentenza fil-parti fejn sabet lill-appellata hatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghha, tirrevoka l-piena erogata mill-ewwel Qorti u minflok tikkundanna lil Charmaine Vella ghal piena ta' sena u gurnata prigunerija.